II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 59/2011

tal-25 ta' Jannar 2011

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-inbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1), b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serba, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni"), iffirmat fid-29 ta' April 2008, jinsab fil-proċess ta' ratifika.

(2) Il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r Repubblika tas-Serbja min-naħa l-oħra ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Interim"), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/36/KE ([3]) tad-29 ta' April 2008, jistipula l-implimentazzjoni bikrija tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar il-kummerċ u l-materji relatati mal-kummerċ.

(3) Il-Ftehim Interim u l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistipulaw li l-inbejjed li joriġinaw fis-Serbja jistgħu jiġu importati fl-Unjoni Ewropea, fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni, u bil-kondizzjoni li l-ebda sussidji fuq l-esportazzjoni ma għandhom jitħallsu għall-esportazzjonijiet ta' dawn il-kwantitajiet mis-Serbja, b'rata ta' dazju żero.

(4) Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' dawk il-kwoti tariffarji tal-Unjoni.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([4]), stabbilixxa r-regoli amministrattivi għall-kwoti tariffarji mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati tal-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali.

(6) Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li l-importaturi kollha tal-Unjoni jkollhom aċċess ugwali u kontinwu għall-kwoti tariffarji u li jkun applikat bla waqfien id-dazju b'rata żero għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotti konċernati fl-Istati Membri sakemm il-kwoti huma eżawriti. Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza ta' amministrazzjoni komuni għal dawk il-kwoti, ma għandhiex tkun ostakolata l-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri biex dawn jiġbdu l-kwantitajiet neċessarji mill-volumi tal-kwoti u li jikkorispondu għall-importazzjonijiet attwali. Il-Komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, safejn ikun possibbli għandha ssir permezz tat-trażmissjoni elettronika.

(7) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Frar 2010, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim u għandu jkompli japplika wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni għas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 28, 30.1.2010, p. 2.
([3]) ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan infetħet kwota tariffarja tal-importazzjoni b'dazju doganali b'rata żero għall-inbejjed importati fl-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja kif stabbilit fl-Anness.

2. Id-dazju b'rata żero hija applikata soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-inbejjed importati għandhom ikunu akkumpanjati minn prova tal-oriġini kif stipulat fil-Protokoll 2 tal-Ftehim Interim u tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

(b) l-inbejjed importati ma għandhomx jibbenefikaw minn sussidji fuq l-esportazzjoni

Artikolu 2

Il-kwota tarffarja msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun amministrata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Kwoti tariffarji għal inbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja u li jiġu importati fl-Unjoni Ewropea

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM (1)	Estensjoni TARIC	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota annwali (f'hl) (2)	Dazju fuq il-kwota tariffarja
09.1526	2204 10 93		Nbid spumanti ta' kwalità, minbarra Champagne jew Asti spumante; nbid ieħor minn għeneb frisk, f'kontenituri ta' 2 litri jew anqas	Mill-1 ta' Frar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010: 53 000 hl. Mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 u s-snin sussegwenti: 53 000 hl	Eżenzjoni
	2204 10 94				
	2204 10 96				
	2204 10 98				
	2204 21 06				
	2204 21 07				
	2204 21 08				
	2204 21 09				
	ex 2204 21 93	19, 29, 31, 41 u 51			
	ex 2204 21 94	19, 29, 31, 41 u 51			
	2204 21 95				
	ex 2204 21 96	11, 21, 31, 41 u 51			
	2204 21 97				
	ex 2204 21 98	11, 21, 31, 41 u 51			
09.1527	2204 29 10		Nbid ieħor minn għeneb frisk, f'kontenituri ta' aktar minn 2 litri	Mill-1 ta' Frar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010: 10 000 hl. Mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 u s-snin sussegwenti: 10 000 hl	Eżenzjoni
	2204 29 93				
	ex 2204 29 94	11, 21, 31, 41 u 51			
	2204 29 95				
	ex 2204 29 96	11, 21, 31, 41 u 51			
	2204 29 97				
	ex 2204 29 98	11, 21, 31, 41 u 51			

(1) Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, it-test tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies li huwa ta' valur indikattiv biss, billi l-iskema hija determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM. Fejn huma indikati ex-kodiċijiet NM, l-iskema preferenzjali għandha tkun determinata mill-applikazzjoni tal-kodiċi NM flimkien mad-deskrizzjonji korrispondenti.

(2) Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet għat-talba ta' waħda mill-Partijiet biex il-kwoti jiġu adattati permezz tat-trasferiment ta' kwantitajiet mill-kwota li tapplika għall-pożizzjoni ex 2204 29 (numru tal-ordni 09.1527) għall-kwota li tapplika l-pożizzjonijiet ex 2204 10 u ex 2204 21 (numru tal-ordni 09.1526).